

31984R1591

8.6.1984

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 153/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1591/84
ta' l-4 ta' Ġunju 1984**

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea minn-naħa l-waħda, u l-Ftehim ta' Kartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu – il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Peru u l-Venezwela - min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi l-Komunità għandha tapprova, għall-kisba ta' l-għanijiet tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet ekonomiċi esterni, il-Ftehim ta' Koperazzjoni mal-Ftehim ta' Kartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu;

Billi ċertu forum ta' koperazzjoni ekonomika prevista mill-Ftehim jeċċedu l-poteri ta' azzjoni speċifikati fl-oqsma tal-politika kummerċjali komuni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ftehim ta' Kartaġena u l-pajjiżi membri tiegħu qiegħed jiġi hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 4 Ġunju 1984.

Fisem il-Kunsill

Il-President

J. DELORS

It-test tal-Ftehim ta' Koperazzjoni huwa anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim ⁽³⁾.

Artikolu 3

Il-Komunità għandha tkun rappreżentata, fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Koperazzjoni, stabbilit bl-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Koperazzjoni, mill-Kummissjoni assistita minn rappreżentanti mill-Istati Membri.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU C 325, tat-30.11.1983, pġ. 3.

⁽²⁾ ĠU C 127, ta' l-14.5.1984, pġ. 204.

⁽³⁾ Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim għandu jiġi publikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.